Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 122/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Caruana**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Caruana talli fit-23 ta’ Novembru, 2002 ghall-habta tat-8.15 am fi Triq il-Kunsill ta’ l-Ewropa, Luqa (**1**) saq vettura HAN-076 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma’ vettura FAW-045 u invlontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Elizabeth Frendo, u aktar (**2**) naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kien riesaq lejn salib it-toroq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha ddikjarat l-azzjoni fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet preskritta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-26 ta' Gunju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu, bazikament, fis-sens li ma kienitx korretta l-ewwel qorti meta ddikjarat l-azzjoni preskritta. Din il-Qorti ma tistax hlief taqbel ma' l-Avukat Generali. Ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni huwa kjarament dak ikkontemplat fl-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Dan ir-reat, ghalkemm suggett ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet, huwa xorta wahda delitt, u ghalhekk tapplika fil-konfront tieghu il-preskrizzjoni ta' sentejn (Art. 688(e), Kap. 9). Ghalhekk il-periodu preskrittiv certament ma kienx iddekorra fil-11 ta' Gunju, 2003. Jinghad ghall-kompletezza li minkejja is-subartikolu (2) tal-Artikolu 226 imsemmi, l-azzjoni tista' titmexxa mill-Pulizija *ex officio* in vista ta' dak li jinghad fil-proviso tal-Artikolu 373 tal-Kodici Krminali.

Anke l-azzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ma tistax titqies li hija preskritta, izda dan mhux ghar-raguni migjuba mill-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu. L-Avukat Generali, infatti, jibbaza l-argument tieghu fuq l-Artikolu 687(2) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti, pero`, tosserva li jekk, kif donnu qed jikkontendi l-Avukat Generali, hawn si tratta ta' kontravvenzjoni ic-citazzjoni xorta harget wara t-tlett xhur – ara d-data tac-citazzjoni: 30/4/03. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-raguni ghala l-azzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ma hix preskritta hi li din l-imputazzjoni, ghalkemm formulata bid-dicitura ta' disposizzjoni tal-M.V.R., fil-fatt tipotizza wkoll ir-reat ta' sewqan traskurat – min ma jiehux il-prekawzjonijiet mehtiega hu u jsuq u riesaq lejn salib it-toroq ikun qieghed effettivament isuq b'mod traskurat. Dan hu reat – delitt – kontemplat fl-

Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65. Il-preskrizzjoni hawn ukoll hija ta' sentejn.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat Caruana, mill-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tipprocedi bis-smigh tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------